

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**                    **DIRETTIVA 2009/128/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**tal-21 ta' Ottubru 2009**  
**li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
**(ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71)**

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014	L 189	1	27.6.2014
► <b><u>M2</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/782 tal-15 ta' Mejju 2019	L 127	4	16.5.2019
► <b><u>M3</u></b>	Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019	L 198	241	25.7.2019

Kkoreġuta minn:

- **C1**    Emendi, Ġ.U. L 161, 29.6.2010, p. 11 (2009/128/KE)



**DIRETTIVA 2009/128/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U  
TAL-KUNSILL**

**tal-21 ta' Ottubru 2009**

**li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu  
sostenibbli tal-pestiċidi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**KAPITOLU I**

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-kisba ta' użu sostenibbli tal-pestiċidi billi jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u jiġi promoss l-użu ta' Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara u ta' approċċi jew tekniki alternattivi bħall-alternattivi mhux kimiċi għall-pestiċidi.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-pestiċidi li huma prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif definiti f'punt 10(a) tal-Artikolu 3.
2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġislazzjoni Komunitarja rilevanti oħra.
3. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx iżommu lill-Istati Membri milli japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni fit-tnaqqis jew fil-projbizzjoni tal-użu tal-pestiċidi f'ċirkostanzi jew żoni speċifiċi.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "uġent professjonali" tfisser kwalunkwe persuna li tuża pestiċidi matul l-attivitajiet professjonali tagħha, inklużi operaturi, tekniċi, min iħaddem u nies li jaħdmu għal rashom, kemm fil-biedja kif ukoll f'setturi oħrajn;
- (2) "distributtur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel pestiċida disponibbli fis-suq, inklużi bejjiegħa bl-ingrossa, bejjiegħa bl-imnut, bejjiegħa u fornituri;
- (3) "konsulent" tfisser kwalunkwe persuna li tkun kisbet konozzenza adegwata u tagħti pariri dwar il-ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara u l-użu sigur tal-pestiċidi, fil-kuntest ta' kapaċità professjonali jew

**▼B**

servizz kummerċjali, inklużi servizzi ta' konsulenza privati minn min jaħdem għal rasu u servizzi ta' konsulenza pubbliċi, aġenti kummerċjali, produtturi tal-ikel u bejjiegħa bl-imnut fejn applikabbli;

- (4) “tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi” tfisser apparati maħsuba b’mod speċifiku għall-applikazzjoni tal-pestiċidi, inklużi aċċessorji li huma essenzjali għat-tħaddim effettiv ta’ tali tagħmir, bħal żnienen, manometri, filtri, passaturi u apparat għat-tindif tat-tankijiet;
- (5) “bexx mill-ajru” tfisser applikazzjoni ta’ pestiċidi minn inġenju tal-ajru (ajruplan jew elikopter);
- (6) “għestjoni integrata ta’ organiżmi ta’ ħsara” tfisser konsiderazzjoni attenta tal-metodi kollha disponibbli għall-protezzjoni tal-pjanti u l-integrazzjoni sussegwenti ta’ miżuri xierqa li jiskoraġġixxu l-iżvilupp ta’ popolazzjonijiet ta’ organiżmi ta’ ħsara u li jżommu l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u forom oħra ta’ intervent f’livelli li huma ġustifikati ekonomikament u ekoloġikament u li jnaqqsu jew jimminimizzaw ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Il-“għestjoni integrata tal-organiżmi ta’ ħsara” tenfasizza t-tkabbir ta’ uċuħ tar-raba’ b’saħħithom bl-inqas xkiel possibbli għall-agro-ekosistemi u tinkoraġġixxi mekkaniżmi naturali ta’ kontroll tal-organiżmi ta’ ħsara;
- (7) “indikatur tar-riskju” tfisser ir-riżultat ta’ metodu ta’ kalkolu li jintuża għall-evalwazzjoni tar-riskji tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent;
- (8) “metodi mhux kimiċi” huma metodi alternattivi għall-pestiċidi kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti u għall-għestjoni tal-organiżmi ta’ ħsara, ibbażati fuq tekniki agroekonomiċi bħal dawk imsemmija fil-punt 1 tal-Anness III, jew metodi fiżiċi, mekkaniċi jew bijoloġiċi għall-għestjoni tal-organiżmi ta’ ħsara;
- (9) it-termini “ilma tal-wiċċ” u “ilma ta’ taħt l-art” għandhom l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 2000/60/KE;
- (10) “pestiċida” tfisser:
  - (a) prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;
  - (b) prodott bjoċidali kif definit fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bjoċidali <sup>(1)</sup>.

*Artikolu 4***Pjanijiet ta’ Azzjoni Nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw Pjanijiet ta’ Azzjoni Nazzjonali biex jiffissaw objettivi, miri, miżuri u skedi ta’ żmien kwantitattivi biex inaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent u biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-introduzzjoni tal-għestjoni integrata ta’ organiżmi ta’ ħsara u ta’ approċċi jew tekniki alternattivi sabiex inaqqsu d-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi. Dawn il-miri jistgħu jkopru żoni ta’ tħassib, pereżempju l-protezzjoni tal-ħaddiema, il-protezzjoni tal-ambjent, ir-residwi, l-użu ta’ tekniki speċifiċi jew l-użu ta’ prodotti tar-raba’ speċifiċi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

**▼B**

Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali jistgħu wkoll jinkludu indikaturi għas-sorveljanza tal-użu ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi ta' tħassib partikolari, speċjalment jekk ikun hemm alternattivi disponibbli għalihom. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi approvati bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti <sup>(1)</sup> li, meta jkunu soġġetti għal tiġdid tal-approvazzjoni konformement mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ma jissodisfawx il-kriterji rilevanti għall-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II, punt 3.6 sa 3.8 ta' dak ir-Regolament.

Fuq il-bażi ta' dawn l-indikaturi u filwaqt li, meta jkun applikabbli, jitqies ir-riskju jew l-użu ta' miri ta' tnaqqis li jkunu diġà nkisbu qabel l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom ukoll jiġu stabbiliti skedi ta' żmien u miri għat-tnaqqis tal-użu, b'mod partikolari jekk it-tnaqqis tal-użu jikkostitwixxi mezz adegwat sabiex jinkiseb it-tnaqqis tar-riskju fir-rigward tas-suġġetti prijoritarji identifikati fl-Artikolu 15(2)(c). Dawn il-miri jistgħu jkunu intermedji jew inkella finali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-mezzi kollha neċessarji sabiex jintlaħqu dawn il-miri.

Meta jfasslu u jirvedu l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont kif jixraq tal-impatti fuq is-saħħa, soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-miżuri previsti, tal-kundizzjonijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali u lokali u tal-gruppi tal-partijiet interessati rilevanti kollha. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu, fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom, kif huma ser jimplementaw il-miżuri skont l-Artikoli 5 sa 15 sabiex jiksbu l-oġettivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għandhom jieħdu kont tal-pjanijiet li jaqgħu taħt leġislazzjoni Komunitarja oħra dwar l-użu ta' pestiċidi, bħal miżuri pjanati konformement mad-Direttiva 2000/60/KE.

►C1 2. Sas-26 ta' Novembru 2012, l-Istati Membri għandhom ◀ jikkomunikaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn.

Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għandhom jiġu riveduti tal-inqas kull ħames snin u kwalunkwe bidla sostanzjali fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għandha tiġi rrapportata lill-Kummissjoni mingħajr ebda dewmien.

►C1 3. Sas-26 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni għandha tressaq ◀ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-informazzjoni mgħoddija mill-Istati Membri fir-rigward tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali. Ir-rapport għandu jkun fih il-metodi użati u l-konsegwenzi tat-twaqqif ta' diversi tipi ta' miri għat-tnaqqis tar-riskju u tal-użu tal-pestiċidi.

►C1 Sas-26 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni għandha tressaq ◀ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni ta' miri nazzjonali stabbiliti konformement mal-ewwel paragrafu sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' din id-Direttiva. Jekk ikun neċessarju, dan ir-rapport jista' jiġi ppreżentat flimkien ma' proposti leġislattivi adegwati.

(1) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

**▼B**

4. Il-Kummissjoni għandha taġġmel l-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafu 2 disponibbli għall-pubbliku fuq websajt.

5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni pubblika stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE għandhom japplikaw għat-tħejija u l-modifika tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali.

## KAPITOLU II

**TAĦRIĠ, BEJGĦ TA' PESTIĊIDI, INFORMAZZJONI U SENSIBILIZZAZZJONI***Artikolu 5***Taħriġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti professjonali, id-distributori u l-konsulenti kollha jkollhom aċċess għal taħriġ xieraq minn korpi maħtura mill-awtoritajiet kompetenti. Dan għandu jikkonsisti kemm minn taħriġ inizjali kif ukoll minn taħriġ addizzjonali biex tinkiseb il-konozzenza u biex din il-konozzenza tiġi aġġornata kif xieraq.

It-taħriġ għandu jkun imfassal biex jiżgura li tali utenti, distributori u konsulenti jiksibu konozzenza suffiċjenti dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness I, b'kont meħud tar-rwolijiet u r-responsabbiltajiet differenti tagħhom.

►C1 2. Sas-26 ta' Novembru 2013 l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ◀ sistemi ta' ċertifikazzjoni u jindikaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Dawn iċ-ċertifikati għandhom, bħala minimu, jipprovdu evidenza ta' konozzenza suffiċjenti tas-suġġetti elenkati fl-Anness I miksub minn utenti professjonali, distributori u konsulenti jew permezz ta' taħriġ jew permezz ta' mezzi oħrajn.

Is-sistemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu rekwiżiti u proċeduri għall-għoti, it-tiġdid u l-irtirar ta' ċertifikati.

**▼M3**

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemendaw l-Anness I sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u xjentifiku.

**▼B***Artikolu 6***Rekwiżiti għall-bejgħ tal-pestiċidi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributori jkollhom biżżejjed persunal fl-impjieg tagħhom li jkollhom iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(2). Tali persuni għandhom ikunu disponibbli f'ħin il-bejgħ biex jiprovdu informazzjoni adegwata lill-klijenti rigward l-użu tal-pestiċidi, ir-riskji għas-saħħa tal-bnieden u tal-ambjent u struzzjonijiet

**▼B**

ta' sigurtà għall-ġestjoni ta' dawn ir-riskji għall-prodotti kkonċernati. Mikro-distributuri li jbiegħu biss prodotti għal użu mhux professjonali jistgħu jiġu eżentati, jekk ma jbiegħux formulazzjonijiet ta' pestiċidi klassifikati bħala tossiċi, tossiċi ħafna, kanċeroġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni konformement mad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 rigward l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni, l-ippakkettar u t-tikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi <sup>(1)</sup>.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirres-tringu l-bejgħ ta' pestiċidi awtorizzati għal użu professjonali għall-persuni li jkollhom iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(2).

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-distributuri li jbiegħu l-pestiċidi lil utenti mhux professjonali, jipprovdu informazzjoni ġenerali rigward ir-riskji tal-użu tal-pestiċidi għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod partikolari dwar il-perikli, l-espożizzjoni, il-ħżin tajjeb, l-immuniġġar, l-applikazzjoni u r-rimi sikur konformement mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-iskart, kif ukoll rigward alternattivi b'riskju baxx. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-produtturi tal-pestiċidi jipprovdu informazzjoni bħal din.

**▼C1**

4. Il-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu stabbiliti sas-26 ta' Novembru 2015.

**▼B***Artikolu 7***Informazzjoni u sensibilizzazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali u biex jippromwovu u jiffaċilitaw il-programmi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u d-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża u bilanċjata relatata mal-pestiċidi għall-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari rigward ir-riskji u l-effetti qawwija u kroniċi potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, l-organiżmu mhux fil-mira u l-ambjent dovuti għall-użu tagħhom u l-użu ta' alternattivi mhux kimiċi.

2. L-Istati Membri għandhom iwaqqfu sistemi għall-ġbir ta' informazzjoni dwar inċidenti ta' vvelenar qawwi mill-pestiċidi, kif ukoll dwar żviluppi relatati ma' vvelenar kroniku, meta din tkun disponibbli, fost gruppi li jistgħu jkunu esposti regolarment għall-pestiċidi, bħall-operaturi, il-ħaddiema agrikulturali jew il-persuni li jgħixu qrib żoni ta' applikazzjoni tal-pestiċidi.

3. Sabiex titjieb il-komparabilità tal-informazzjoni, ►C1 il-Kummissjoni, f'koperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa fi żmien sas-26 ta' Novembru 2012 ◀ dokument ta' gwida strateġika dwar is-sorveljanza u l-istħarriġ tal-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent.

<sup>(1)</sup> ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.



KAPITOLU III

TAGĦMIR GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-PESTIĊIDI

*Artikolu 8*

**Spezzjoni tat-tagħmir li qed jintuża**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi f'użu professjonali għandu jkun soġġett għal spezzjonijiet f'intervalli regolari. L-intervall bejn l-ispezzjonijiet m'għandux jaqbeż ħames snin sal-2020 u m'għandux jaqbeż tliet snin wara dan.

2. ►**CI** Sas-26 ta' Novembru 2016, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ◀ li t-tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi jkun ġie spezzjonat mill-inqas darba. Wara din id-data, biss it-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jgħaddi mill-ispezzjoni b'suċċess għandu jintuża b'mod professjonali.

It-tagħmir il-ġdid għandu jiġi spezzjonat mill-inqas darba f'perjodu ta' 5 snin wara li jkun inxtara.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, u wara valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inkluża valutazzjoni tar-rata ta' użu tat-tagħmir, l-Istati Membri jistgħu:

(a) japplikaw skedi ta' żmien u intervalli ta' spezzjoni differenti għat-tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi li ma jintużax għall-bexx tal-pestiċidi, għal tagħmir ta' applikazzjoni tal-pestiċidi li jinżamm fl-idejn jew apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar u għal tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi addizzjonali li jirrappreżenta rata ta' użu baxxa ħafna, li għandu jiġi elenkat fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali previst fl-Artikolu 4.

It-tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi addizzjonali li ġejjin qatt ma jistgħu jiġu kkunsidrati li jirrappreżentaw rata ta' użu baxxa ħafna:

(i) apparat tal-bexx li jiddendel ma' ferrovija jew ajruplan;

(ii) driegħ tal-bexxiex akbar minn 3 m, inkużi dawk armati fuq tagħmir użat għat-taħwil;

(b) jeżentaw mill-ispezzjoni tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jinżamm fl-idejn jew apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jkunu ġew infurmati dwar il-bżonn li l-aċċessorji jinbidlu b'mod regolari, dwar ir-riskji speċifiċi marbuta ma' dak it-tagħmir, u li l-operaturi jkunu ġew imħarrġa għall-użu adegwat ta' dak it-tagħmir ta' applikazzjoni bi qbil mal-Artikolu 5.

4. L-ispezzjonijiet għandhom jivverifikaw li t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti elenkati fl-Anness II, biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Għandu jkun preżunt li t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li *jikkonforma* mal-istandards armonizzati żviluppatti skont l-Artikolu 20(1) jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà u għall-ambjent.

**▼B**

5. L-utenti professjonali għandhom iwettqu kalibrazzjonijiet u kontrolli tekniċi regolari tat-tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi skont it-taħriġ adegwat riċevut kif previst fl-Artikolu 5.

6. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' spezzjoni u jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom.

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistemi ta' ċertifikazzjoni mfasslin biex jippermettu l-verifika tal-ispezzjonijiet u jirrikonoxxu ċ-ċertifikati mogħtija fi Stati Membri oħra konformement mar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 4 u fejn il-perjodu ta' żmien mill-aħħar spezzjoni mwettqa fi Stat Membru ieħor ikun indaqs jew iqsar mill-perjodu ta' żmien ta' spezzjoni applikabbli fit-territorju tiegħu stess.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa fi Stati Membri oħra dment li jkun hemm konformità mal-intervalli ta' spezzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

**▼M3**

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemendaw l-Anness II sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u xjentifiku.

**▼B**

## KAPITOLU IV

## PRATTIKA U UŻI SPEĊIFIĊI

*Artikolu 9***Bexx mill-ajru**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bexx mill-ajru jkun projbit.
2. B'deroga mill-paragrafu 1 il-bexx mill-ajru jista' jkun permess biss f'każijiet speċjali kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) m'għandux ikun hemm alternattivi vijabbli oħra, jew għandu jkun hemm vantaġġi ċari f'termini ta' impatti mnaqqa fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent meta mqabbel mal-applikazzjoni tal-pestiċidi mill-art;
  - (b) il-pestiċidi użati għandhom ikunu approvati espliċitament għall-bexx mill-ajru mill-Istat Membru wara valutazzjoni speċifika li tindirizza r-riskji tal-bexx mill-ajru;
  - (c) l-operatur li jbexxex mill-ajru għandu jkollu ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 5(2). Matul il-perijodu transitorju fejn is-sistemi ta' ċertifikazzjoni ma jkunux għandhom stabbilti, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw evidenza oħra ta' konozzenza suffiċjenti;
  - (d) l-intrapriża responsabbli għall-forniment ta' applikazzjonijiet għall-bexx mill-ajru għandha tkun iċċertifikata minn awtorità kompetenti li tawtorizza tagħmir u inġenji tal-ajru għal applikazzjoni tal-pestiċidi mill-ajru;
  - (e) jekk l-inħawi li għandhom jitbexxu qegħdin qrib ta' nħawi miftuħin għall-pubbliku, fl-approvazzjoni għandhom jiġu inklużi miżuri speċifiċi ta' mmaniġġar tar-riskju biex jiġi żgurat li ma hemmx effetti negattivi fuq is-saħħa ta' persuni li jinzertaw fl-inħawi. L-inħawi fejn se jsir il-bexx m'għandhomx ikunu qrib ħafna ta' nħawi residenzjali;



**▼B**

(f) mill-2013, l-ajruplan għandu jkun mgħammar b'aċċessorji li jikkostitwixxu l-aħjar teknoloġija disponibbli biex inaqqsu t-tifrix tal-bexx.

3. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti għall-istabbiliment tal-kondizzjonijiet speċifiċi li bihom jista' jitwettaq il-bexx mill-ajru, għall-analiżi ta' talbiet skont il-paragrafu 4 u sabiex jirrendu pubblika l-informazzjoni dwar l-uċuh tar-raba', iż-żoni, iċ-ċirkostanzi u r-rekwiżiti partikolari għall-applikazzjoni inklużi l-kondizzjonijiet tat-temp meta jista' jkun permess il-bexx mill-ajru.

Fl-approvazzjoni l-awtoritajiet kompetenti għandhom jispeċifikaw il-miżuri meħtieġa għat-twissija lir-residenti u l-persuni fil-qrib fi żmien xieraq u għall-protezzjoni tal-ambjent fil-viċinanza taż-żona mbexxa.

4. Utent professjonali li jixtieq japplika pestiċidi permezz ta' bexx mill-ajru għandu jippreżenta talba għall-approvazzjoni ta' pjan ta' applikazzjoni lill-awtorità kompetenti biex japplika pestiċidi permezz ta' bexx mill-ajru flimkien ma' evidenza li turi li l-kondizzjonijiet imsemminjin fil-paragrafu 2 u 3 huma sodisfatti. It-talba għall-applikazzjoni ta' bexx mill-ajru, b'konformità mal-pjan ta' applikazzjoni approvat, għandha titressaq fi żmien xieraq lill-awtorità kompetenti. Għandu jkollha informazzjoni dwar il-ħin proviżorju tal-bexx u l-ammonti u t-tip tal-pestiċidi applikati.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li t-talbiet għall-applikazzjonijiet għal bexx mill-ajru b'konformità ma' pjan ta' applikazzjoni approvat, li għalihom ma ġiet riċevuta ebda tweġiba dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fil-perijodu ta' żmien stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti, għandhom jitqiesu bħala approvati.

B'mod partikolari, f'ċirkostanzi bħal ma huma sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ta' diffikultà speċifika, talbiet uniċi ta' applikazzjoni ta' bexx mill-ajru jistgħu wkoll jitressqu għall-approvazzjoni. Fejn dan huwa ġustifikat, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-possibiltà li japplikaw proċedura mgħaġġla sabiex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet imsemminja fil-paragrafi 2 u 3 jiġu sodisfatti qabel l-applikazzjoni ta' bexx mill-ajru.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet imsemminja fil-paragrafi 2 u 3 huma sodisfatti billi jwettqu monitoraġġ xieraq.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu regjistru tat-talbiet u l-approvazzjonijiet kif imsemminja fil-paragrafu 4 u għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni rilevanti li jinsabu fihom, bħall-inħawi fejn se jsir il-bexx, il-jum u l-ħin maħsub meta se jsir il-bexx u t-tip ta' pestiċidji, b'konformità mal-liġi nazzjonali jew Komunitarja applikabbli.

*Artikolu 10***Informazzjoni lill-pubbliku**

L-Istati Membri jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom sabiex jiġu infurmati l-persuni li jistgħu jkunu esposti għat-tifrix tal-bexx.

*Artikolu 11***Miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u l-ilma tax-xorb**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu adottati miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku u l-provvisti tal-ilma tax-xorb mill-impatt tal-pestiċidi. Dawk il-miżuri għandhom jappoġġaw u jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE u Regolament (KE) Nru 1107/2009.

**▼B**

2. Il-miżuri previsti fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:
- (a) li tingħata preferenza lil pestiċidi li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent akwatiku skont id-Direttiva 1999/45/KE u li ma fihomx sustanzi perikolużi ta' prijorità kif stabbilit fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/60/KE;
  - (b) li tingħata preferenza lit-tekniki ta' applikazzjoni l-aktar effiċjenti, bħall-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi b'tifrix minimu (low-drift) speċjalment fuq prodotti vertikali bħall-ħobż u dawk li jinstabu f'għonna tas-siġar tal-frott u fl-għelieqi tad-dwieli;
  - (c) l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni li jimminimizzaw ir-riskju ta' tniġġiż lil hinn mis-sit ikkawżat mit-tifrix tal-bexx, il-flussi ta' katusi u t-tnixxijiet. Dawn għandhom jinkludu, meta meħtieġ, l-istabiliment ta' żoni ta' separazzjoni ta' daqs xieraq għall-protezzjoni ta' organiżmi akwatiċi mhux immirati u żoni ta' salvagwardja għall-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art użati għall-astrazzjoni ta' ilma tax-xorb, fejn il-pestiċidi m'għandhomx jintużaw jew jinħażnu;
  - (d) it-tnaqqis kemm jista' jkun jew l-eliminazzjoni jekk ikun xieraq, ta' applikazzjonijiet fuq jew tul toroq, linji tal-ferrovija, uċuħ permeabbli ħafna jew infrastruttura oħra qrib l-ilma tal-wiċċ jew l-ilma ta' taħt l-art, jew fuq uċuħ issiġillati b'riskju għoli ta' tni-xxijiet ġo sistemi tal-ilma tal-wiċċ jew tad-dranaġġ.

*Artikolu 12***Tnaqqis tal-użu jew ir-riskji tal-pestiċidi f'żoni speċifiċi**

L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jqisu kif xieraq ir-rekwiżiti ta' iġjene u saħħa pubblika u l-bijodiversità meħtieġa, jew ir-riżultati ta' valutazzjonijiet ta' riskju rilevanti, jiżguraw li l-użu tal-pestiċidi jkun minimizzat jew ipprojbit f'ċerti żoni speċifiċi. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-immaniġġar tar-riskju u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huwa ta' riskju baxx, kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u miżuri ta' kontroll bijoloġiku għandhom jitqiesu qabel kollox. L-oqsma speċifiċi kkonċernati huma:

- (a) żoni użati mill-pubbliku ġenerali jew minn gruppi vulnerabbli kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bħal parks u għonna pubbliċi, grawnds tal-isports u tar-rikreazzjoni, artijiet u btieħi tal-iskejjeļ, postijiet fejn jilagħbu t-tfal u qrib ħafna ta' faċilitajiet tal-kura medika;
- (b) żoni protetti kif definiti fid-Direttiva 2000/60/KE jew żoni oħrajn identifikati għall-finijiet tal-istabiliment tal-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa skont id-dispozzjonijiet tad-Direttivi 79/409/KEE u 92/43/KEE;
- (c) żoni ttrattati reċentement użati jew aċċessibbli għall-ħaddiema agrikoli.



### Artikolu 13

#### L-immaniġġar u l-ħżin tal-pestiċidi u t-trattament tal-ippakkjar u l-fdalijiet tagħhom

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operazzjonijiet li ġejjin minn utenti professjonali u fejn applikabbli minn distributuri ma jipperikolawx is-saħħa tal-bnedmin jew l-ambjent:

- (a) il-ħżin, l-immaniġġar, id-dilwizzjoni u t-taħlit tal-pestiċidi qabel l-applikazzjoni;
- (b) l-immaniġġar tal-ippakkjar u l-fdalijiet tal-pestiċidi;
- (c) ir-rimi tat-taħlitiet tat-tankijiet li jifdal wara l-applikazzjoni;
- (d) it-tindif tat-tagħmir użat wara l-applikazzjoni;
- (e) l-irkupru jew ir-rimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi u l-imballaġġi tagħhom skont il-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-iskart.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fir-rigward tal-pestiċidi awtorizzati għal utenti mhux professjonali biex jevitaw operazzjonijiet ta' maniġġar perikolużi. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-użu ta' pestiċidi ta' tossiċità baxxa, formulazzjonijiet imhejjin minn qabel għall-użu u limiti fuq id-daqsijiet ta' kontenituri jew ippakkjar.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni ta' ħżin għall-pestiċidi għal użu professjonali għandhom jiġu mibnija b'tali mod li jimpedixxu rilaxxi mhux mixtieqa. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-post, id-daqs u l-materjal ta' kostruzzjoni.

### Artikolu 14

#### Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippromwovu l-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi, filwaqt li, fejn ikun possibbli, tingħata prijorità lil metodi mhux kimiċi, sabiex l-utenti professjonali tal-pestiċidi jaqilbu għal prodotti u prattika bl-aktar riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent fost dawk disponibbli għall-istess problema ta' organiżmi ta' ħsara. Ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu baxx ta' pestiċidi tinkludi Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara kif ukoll biedja organika skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi <sup>(1)</sup>.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jappoġġaw l-istabbiliment tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li l-utenti professjonali jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni u għodod għall-monitoraġġ ta' organiżmi ta' ħsara u għat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll servizzi ta' konsulenza dwar ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara.

3. Sat-30 ta' Ġunju 2013, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 u, partikolarment, jekk il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara jkunux attwati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

**▼B**

4. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom kif jiżguraw li l-prinċipji ġenerali tal-immaniġġar integrat ta' organiżmi ta' ħsara kif stabbilit fl-Anness III jiġu implimentati mill-utenti kollha tal-pestiċidi professjonali sal-1 ta' Jannar 2014.

**▼M3**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemendaw l-Anness III sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u xjentifiku.

**▼B**

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inċentivi xierqa biex iħeġġu lill-utenti professjonali jimplimentaw linji gwida speċifiċi għall-uċuħ tar-raba' jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara fuq bażi volontarja. L-awtoritajiet pubbliċi u/jew l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw utenti professjonali partikolari jistgħu jfasslu linji gwida bħal dawn. L-Istati Membri għandhom jirreferu għal dawk il-linji gwida li huma jikkunsidraw rilevanti u xierqa fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom.

## KAPITOLU V

## INDIKATURI, RAPPORTAR U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

*Artikolu 15***Indikaturi**

1. Għandhom jiġu stabbiliti indikaturi tar-riskju armonizzati kif imsemmi fl-Anness IV. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw l-indikaturi nazzjonali eżistenti jew jadottaw indikaturi xierqa oħrajn flimkien ma' dawk armonizzati.

**▼M3**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jemenda l-Anness IV sabiex tiegħu kont tal-progress tekniku u xjentifiku.

**▼B**

2. L-Istati Membri għandhom:

- (a) jikkalkolaw l-indikaturi tar-riskju armonizzati kif imsemmi fil-paragrafu 1 bl-użu ta' data statistika miġbura konformement mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-istatistika ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti flimkien ma' data rilevanti oħra;
- (b) jidentifikaw tendenzi fl-użu ta' ċerti sustanzi attivi;
- (c) jidentifikaw oġġetti ta' prijorità, bħal sustanzi attivi, uċuħ tar-raba', reġjuni jew prattika, li jeħtieġu attenzjoni partikolari jew prattika tajba li jistgħu jintużaw bħala eżempji sabiex jintlaħqu l-oġġetti ta' din id-Direttiva li jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u biex jiġu inkoraġġiti l-iżvilupp u l-introduzzjoni tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara u ta' approċċi jew tekniki alternattivi sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet imwettqa skont il-paragrafu 2 lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

**▼B**

4. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-indikaturi tar-riskju fil-livell Komunitarju billi tuża data statistika miġbura konformement mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-istatistika ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u data rilevanti oħra, sabiex tagħmel stima tax-xejriet fir-riskji mill-użu tal-pestiċidi.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tuża din id-data u l-informazzjoni biex tivvaluta l-progress fil-kisba tal-oġġettivi ta' linji politiċi Komunitarji oħrajn immirati biex inaqqsu l-impatt tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent.

Ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku ġenerali fuq il-websajt imsemmi fl-Artikolu 4(4).

*Artikolu 16***Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, akkumpanjat fejn xieraq minn proposti għal emendi.

## KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 17***Penali**

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

►C1 L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sas-26 ta' Novembru 2012 u ◀ għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti.

*Artikolu 18***Skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika**

Il-Kummissjoni għandha tressaq bħala prijorità għad-diskussjoni fil-grupp ta' esperti tal-istrateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika fil-qasam tal-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara.

*Artikolu 19***Ħlasijiet u imposti**

1. L-Istati Membri jistgħu jirkupraw l-ispejjeż assoċjati ma' kwalunkwe ħidma li tirriżulta mill-obbligi taħt din id-Direttiva permezz ta' ħlas jew imposta.

**▼B**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħlas jew l-imposta msemmija fil-paragrafu 1 hija stabbilita b'mod trasparenti u tikkorrespondi għall-ispiża attwali tal-ħidma involuta.

*Artikolu 20***Standardizzazzjoni**

1. L-istandards imsemmija fl-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva għandhom jiġu stabbiliti konformement mal-proċedura prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi u ta' regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni <sup>(1)</sup>.

It-talba għall-iżvilupp ta' dawn l-istandards tista' tiġi stabbilita f'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi tal-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqisu li standard armonizzat ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti li jkopri, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE, u jippreżentaw il-każ tagħhom. Dak il-Kumitat għandujagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien.

Fid-dawl tal-opinjoni ta' dak il-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tippubblika, li ma tippubblikax, li tippubblika b'mod ristrett, li żżomm, li żżomm b'mod ristrett jew li tirtira r-referenzi għall-istandard armonizzat kkonċernat fi jew minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**▼M3***Artikolu 20a***Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8(7), l-Artikolu 14(4) u l-Artikolu 15(1) għal perijodu ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 15(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka

<sup>(1)</sup> ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

**▼ M3**

għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>(1)</sup>.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8(7), l-Artikolu 14(4) u l-Artikolu 15(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

**▼ B***Artikolu 21***Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Animali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġi-ġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel<sup>(2)</sup>.

**▼ M3**

\_\_\_\_\_

**▼ M1**

\_\_\_\_\_

**▼ B***Artikolu 23***Traspożizzjoni****▼ C1**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-26 ta' Novembru 2011.

**▼ B**

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir tali referenza għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

**▼B**

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 24*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 25*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.





## ANNEX I

## Suġġetti ta' taħriġ imsemmijin fl-Artikolu 5

1. Il-leġislazzjoni rilevanti kollha rigward il-pestiċidi u l-użu tagħhom.
2. L-eżistenza u r-riskji tal-prodotti illegali (ffalsifikati) għall-protezzjoni tal-pjanti, u l-metodi ta' identifikazzjoni ta' prodotti ta' dan it-tip.
3. Il-perikli u r-riskji assoċjati mal-pestiċidi, u kif jiġu identifikati u kkontrollati, b'mod partikolari:
  - (a) ir-riskji lill-bnedmin (operaturi, residenti, persuni fil-qrib, persuni li jidħlu f'żoni ttrattati u dawk li jmissu jew jieklu l-oġġetti ttrattati) u kif fatturi bħal ma hu t-tipip jaggravaw dawn ir-riskji;
  - (b) is-sintomi tal-avvelenament bil-pestiċidi u l-miżuri tal-ewwel għajnuna;
  - (c) ir-riskji għall-pjanti mhux fil-mira, l-insetti li huma ta' benefiċċju, il-flora u l-fawna salvaġġa, il-bijodiversità u l-ambjent b'mod ġenerali.
4. Kunċetti dwar strateġiji u metodi għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, strateġiji u metodi għall-ġestjoni integrata tal-uċuħ tar-raba', prinċipji tal-biedja organika, metodi ta' kontroll bijoloġiku ta' organiżmi ta' ħsara, informazzjoni dwar il-prinċipji ġenerali u l-linji gwida speċifiċi għall-uċuħ tar-raba' jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara.
5. Inizjazzjoni għal valutazzjoni komparattiva fil-livell tal-utent biex tgħin lill-utenti professjonali jagħmlu l-aktar għażliet xierqa dwar il-pestiċidi bl-inqas effetti sekondarji fuq is-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi mhux fil-mira u l-ambjent minn fost il-prodotti kollha awtorizzati għal problema speċifika ta' organiżmu ta' ħsara, f'sitwazzjoni speċifika.
6. Miżuri biex jiġu minimizzati r-riskji lill-bnedmin, lil organiżmi mhux fil-mira u lill-ambjent: Prattika operattiva sikura għall-ħżin, l-immaniġġar u t-taħlit tal-pestiċidi, u r-rimi ta' ppakkjar vojta, materjal ieħor ikkontaminat u pestiċidi żejda li jifdal (inklużi taħlitiet f'tankijiet), kemm jekk f'għamla konċentrata kif ukoll jekk dilwita; il-metodu rakkomandat għall-kontroll tal-espożizzjoni tal-operatur (tagħmir ta' protezzjoni personali).
7. Metodi bbażati fuq ir-riskju li jqisu l-varjazzjonijiet lokali tal-ġbir tal-ilma, bħall-klima, il-ħamrija u tipi ta' uċuħ tar-raba', u l-ġholi tal-art.
8. Proċeduri ta' preparazzjoni għat-tħaddim ta' tagħmir ta' applikazzjoni ta' pestiċidi, inkluż l-ikkalibrar tiegħu, u għat-tħaddim tiegħu b'riskji minimi għall-utent, bnedmin oħrajn, speċijiet ta' annimali u pjanti mhux fil-mira, il-bijodiversità u l-ambjent, inklużi r-riżorsi tal-ilma.
9. L-użu tat-tagħmir għall-applikazzjoni ta' pestiċidi u l-manutenzjoni tiegħu, u metodi speċifiċi ta' bexx (eż. bexx b'volum żgħir u żnienen li ma jferrxux ħafna), kif ukoll l-oġġettivi tal-verifika teknika tal-bexxiexa fl-użu u modi kif tittejjeb il-kwalità tal-bexx. Riskji speċifiċi marbuta mal-użu ta' tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi li jinżamm fl-idejn, jew tal-apparat għall-bexx li jiddendel fuq id-dahar u l-miżuri rilevanti għall-ġestjoni tar-riskju.
10. Azzjoni ta' emerġenza biex tiproteġi s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, inklużi r-riżorsi tal-ilma f'każ ta' tixrid aċċidentali, kontaminazzjoni u avvenimenti meteoroloġiċi estremi li jirriżultaw f'riskji ta' lissija tal-pestiċidi.

**▼B**

11. Kura speċjali f'żoni protetti stabbiliti skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2006/60/KE.
12. Monitoraġġ tas-saħħa u faċilitajiet ta' aċċess għar-rappurtar dwar kwalunkwe inċident jew inċident suspettat.
13. Iż-żamma ta' reġistru għal kwalunkwe użu ta' pestiċidi, konformement mal-leġislazzjoni rilevanti.



## ANNEX II

### Rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza u dawk ambjentali marbutin mal-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi

L-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi għandha tkopri l-aspetti kollha li huma importanti biex jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Għandha tiġi żgurata effettività sħiħa tal-operazzjoni ta' applikazzjoni permezz ta' tħaddim tajjeb tal-apparat u l-funzjonijiet tat-tagħmir biex ikun garantit li l-oġġettivi li ġejjin jintlaħqu.

It-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi għandu jiffunzjona b'mod affidabbli u jintuża sew għall-finiġiet intenzjonati tiegħu filwaqt li jiġi żgurat li l-pestiċidi jistgħu jiġu ddożati u distribwiti b'mod preċiż. It-tagħmir għandu jkun f'tali kondizzjoni li jkun jista' jimtela' u jitbattal b'mod sikur, faċli u sħiħ u li jimpendixxi t-tnixxija ta' pestiċidi. Huwa għandu jippermetti wkoll tindif faċli u fil-fond. Huwa għandu jiżgura wkoll tħaddim sikur, u jkun jista' jiġi kkontrollat u jkun kapaċi jiġi mwaqqaf immedjatament minn-naħa tal-operatur. Fejn meħtieġ, l-aġġustamenti għandhom ikunu sempliċi, preċiżi u kapaċi jiġu riprodotti.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil:

#### 1. Apparat għat-trasmissjoni tal-enerġija

Il-parti protettiva tal-power take-off drive shaft u l-parti protettiva tal-power input connection għandhom ikunu mmuntati u f'kondizzjoni tajba u t-tagħmir protettiv u kwalunkwe apparat tat-trasmissjoni tal-enerġija li tiċċaqlaq jew iddur m'għandhomx ikunu affettwati fit-tħaddim tagħhom sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-operatur.

#### 2. Pompa

Il-kapaċità tal-pompa għandha tkun adatta għall-ħtiġijiet tat-tagħmir u l-pompa għandha taħdem sewwa sabiex tiżgura rata ta' applikazzjoni stabbli u affidabbli. Ma għandu jkun hemm l-ebda tnixxija mill-pompa.

#### 3. Aġitazzjoni

It-tagħmir għall-aġitazzjoni għandu jiżgura riċirkolazzjoni tajba sabiex tinkiseb konċentrazzjoni uniformi fil-volum kollu tat-taħlita likwida tal-bexx fit-tank.

#### 4. Tank tal-bexx likwidu

It-tankijiet tal-bexx, inklużi l-indikatur tal-kontenut tat-tank, it-tagħmir għall-mili, il-passaturi u l-filtri, is-sistemi ta' żvujtar u tlaħliħ, u l-apparat għat-taħlit, għandhom joperaw b'tali mod li jkunu minimizzati tixrid aċċidentali, distribuzzjonijiet mhux uniformi ta' konċentrazzjoni, espożizzjoni tal-operatur u kontenut residwu.

#### 5. Sistemi ta' kejl u sistemi ta' kontroll u regolazzjoni

L-apparat kollu għall-kejl, biex titfi u tixgħel u għall-aġġustament tal-pressjoni u/jew ir-rata tal-fluss għandhom ikunu kkalibrati sew u jaħdmu sew u m'għandu jkun hemm l-ebda tnixxija. Il-kontroll tal-pressjoni u l-operazzjoni tal-apparat għall-aġġustament tal-pressjoni għandu jkun jista' jsir faċilment matul l-applikazzjoni. L-apparat għall-aġġustament tal-pressjoni għandu jżomm pressjoni kostanti waqt l-operat b'tidwir kostanti tal-pompa, sabiex ikun żgurat li tiġi applikata rata stabbli tal-volum tal-applikazzjoni.

#### 6. Pajpijiet u manek

Il-pajpijiet u l-manek għandhom ikunu f'kondizzjoni tajba biex jiġu evitati disturbi tal-fluss tal-likwidu jew tixrid aċċidentali fil-każ ta' ħsara. Ma għandu jkun hemm l-ebda tnixxija mill-pajpijiet jew mill-manek meta jitħaddmu bil-pressjoni massima li tista' tintlaħaq mis-sistema.

**▼B**

## 7. Filtrar

Sabiex ikunu evitati t-turbolenza u l-eteroġeneità fil-modi kif joħroġ il-bexx, il-filtri għandhom ikunu f'kondizzjoni tajba u d-daqs tax-xibka tal-filtri għandu jikkorrispondi għad-daqs taż-żnienen immuntati fuq il-bexxiex. Fejn applikabbli, is-sistema li tindika li l-filter ikun misdud għandha taħdem sewwa.

## 8. Id-driegħ tal-bexxiex (għal tagħmir li jbexxex il-pestiċidi permezz ta' driegħ ippożizzjonat orizzontalment, li jnsab qrib il-wieċ tar-raba' jew il-materjal li jrid jiġi ttrattat)

Id-driegħ tal-bexxiex għandu jkun f'kondizzjoni tajba u stabbli fid-direzzjonijiet kollha. Is-sistemi tal-immuntar u l-aġġustament u t-tagħmir biex jittaffa ċ-ċaqliq mhux intenzjonat u għall-kumpens tal-pendil għandhom jaħdmu b'mod tajjeb.

## 9. Żnienen

Iż-żnienen għandhom jaħdmu sewwa biex jikkontrollaw it-taqtir meta jieqaf il-bexx. Biex tkun żgurata l-omoġeneità ta' kif joħroġ il-bexx, ir-rata tal-fluss ta' kull żennuna individwali m'għandhiex tvarja b'mod sinifikanti mid-data fit-tabelli tar-rata tal-fluss ipprovduti mill-manifattur.

## 10. Distribuzzjoni

Id-distribuzzjoni trasversali u vertikali (fil-każ ta' applikazzjonijiet f'uċuh tar-raba' vertikali) tat-taħlita tal-bexx fiż-żona ta' mira għandhom ikunu uniformi, fejn rilevanti.

## 11. Blower (għal tagħmir li jbexxex il-pestiċidi permezz tal-arja)

Il-blower għandu jkun f'kondizzjoni tajba u għandu jiżgura fluss stabbli u affidabbli tal-arja.



ANNEX III

**Prinċipji ġenerali tal-Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara**

1. Il-prevenzjoni u/jew it-trażżin ta' organiżmi ta' ħsara għandhom jinkisbu jew jiġu appoġġati fost għażliet oħra b'mod partikolari permezz ta':
  - ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba',
  - l-użu ta' tekniki ta' kultivazzjoni adegwati (eż., it-teknika tal-użu ta' ħammiela mhux friska, l-għażla ta' żmien iż-żriġ u tad-densitajiet, iż-żriġ bil-ftit, it-tħaddim tal-ħamrija biex tiġi kkonservata, iż-żbir u ż-żriġ dirett),
  - l-użu, fejn xieraq, ta' cultivars reżistenti/tolleranti u żerriegħa u materjal ta' taħwil standard/iċċertifikati,
  - l-użu ta' prattika bbilanċjata ta' fertilizzazzjoni, ta' trattament bil-ġir u ta' tisqija/skular tal-ilma,
  - il-prevenzjoni tal-firxa ta' organiżmi ta' ħsara b'miżuri ta' iġjene (eż. permezz ta' tindif regolari ta' makkinarju u tagħmir),
  - il-protezzjoni u t-tisħiħ ta' organiżmi ta' benefiċċju importanti, eż. b'miżuri adegwati għall-protezzjoni tal-pjanti jew l-użu ta' infrastrutturi ekoloġiċi ġo u barra mis-siti ta' produzzjoni.
2. L-organiżmi ta' ħsara għandhom jiġu mmonitorjati b'metodi u għodod adegwati, fejn disponibbli. Għodod adegwati bħal dawn għandhom jinkludu osservazzjonijiet fil-post kif ukoll sistemi ta' twissija, previżjoni u dijanjosi bikrija li jkunu xjentifikament tajbin, fejn ikun vijabbli, kif ukoll l-użu ta' parir minn konsulenti professjonali kkwalifikati.
3. L-utent professjonali għandu jiddeċiedi jekk għandux japplika l-miżuri għall-protezzjoni tal-pjanti u meta, abbażi tar-risultati tal-monitoraġġ. Valuri ta' limitu robusti u xjentifikament tajbin huma komponenti essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għall-organiżmi ta' ħsara għandhom jitqiesu l-livelli ta' limitu definiti għar-reġjun, iż-żoni speċifiċi, l-uċuħ tar-raba u l-kondizzjonijiet klimatiċi partikolari qabel it-trattament, fejn vijabbli.
4. Metodi sostenibbli bijoloġiċi, fiżiċi u mhux kimiċi oħrajn għandhom ikunu ppreferuti fuq metodi kimiċi jekk huma jipprovdu kontroll sodisfaċenti tal-organiżmi ta' ħsara.
5. Il-pestiċidi applikati għandhom ikunu speċifiċi kemm jista' jkun għall-mira u għandu jkollhom l-inqas effetti sekondarji fuq is-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi mhux fil-mira u l-ambjent.
6. L-utent professjonali għandu jżomm l-użu tal-pestiċidi u forom oħra ta' intervent għall-livelli meħtieġa, eż. b'dożi mnaqqsin, frekwenza ta' applikazzjoni mnaqqsa jew applikazzjonijiet parzjali, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-livell ta' riskju fil-veġetazzjoni huwa aċċettabbli u li huma ma jżidux ir-riskju għall-iżvilupp ta' reżistenza fil-popolazzjonijiet tal-organiżmi ta' ħsara.
7. Fejn ikun magħruf ir-riskju ta' reżistenza kontra miżura għall-protezzjoni tal-pjanti u fejn il-livell tal-organiżmi ta' ħsara jeħtieġ applikazzjoni ripetuta ta' pestiċidi għall-uċuħ tar-raba', għandhom jiġu applikati strateġiji disponibbli ta' kontra r-reżistenza biex tinżamm l-effettività tal-prodotti. Dan jista' jinkludi l-użu ta' pestiċidi multipli b'modi ta' azzjoni differenti.
8. L-utent professjonali għandu jivverifika s-suċċess tal-miżuri applikati għall-protezzjoni tal-pjanti abbażi tar-risultati dwar l-użu tal-pestiċidi u dwar il-monitoraġġ tal-organiżmi ta' ħsara.

▼ **M2**

## ANNEX IV

## TAQSIMA 1

**Indikaturi tar-Riskju Armonizzati**

L-indikaturi tar-riskju armonizzati huma elenkati fit-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan l-Anness.

## TAQSIMA 2

**Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1: Indikatur tar-Riskju Armonizzat ibbażat fuq il-Periklu, abbażi tal-kwantitajiet ta' sustanzi attivi mqiegħda fis-suq fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009**

1. Dan l-indikatur għandu jkun ibbażat fuq l-istatistika dwar il-kwantitajiet ta' sustanzi attivi mqiegħda fis-suq fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, mogħtija lill-Kummissjoni (il-Eurostat) skont l-Anness I (Statistika dwar it-tqegħid fis-suq ta' pestiċidi) tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009. Dik id-*data* hija kategorizzata f'erba' Gruppi, li huma maqsuma f'seba' Kategoriji.
2. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu tal-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1:
  - (a) l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1 għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-kategorizzazzjoni ta' sustanzi attivi fl-erba' Gruppi u fis-seba' Kategoriji stabbiliti fit-Tabella 1;
  - (b) is-sustanzi attivi fil-Grupp 1 (il-kategoriji A u B) għandhom ikunu dawk elenkati fil-Parti D tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(1)</sup>;
  - (c) is-sustanzi attivi fil-Grupp 2 (il-kategoriji C u D) għandhom ikunu dawk elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (d) is-sustanzi attivi fil-Grupp 3 (il-kategoriji E u F) għandhom ikunu dawk elenkati fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (e) is-sustanzi attivi fil-Grupp 4 (il-kategorija G) għandhom ikunu dawk li ma jkunux ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għalhekk mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (f) il-ponderazzjonijiet fir-ringiela (vi) fit-Tabella 1 għandhom japplikaw.
3. L-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1 għandu jiġi kkalkulat permezz tal-multiplikazzjoni tal-kwantitajiet annwali ta' sustanzi attivi li jitqiegħdu fis-suq għal kull Grupp fit-Tabella 1 bil-ponderazzjoni ta' periklu rilevanti stabbilit fir-Ringiela vi, segwita bl-aggregazzjoni tar-riżultati ta' dawn il-kalkoli.
4. Il-kwantitajiet ta' sustanzi attivi li jitqiegħdu fis-suq għal kull Grupp u Kategorija fit-Tabella 1 jistgħu jiġu kkalkulati.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

## ▼M2

Tabella 1

**Il-kategorizzazzjoni tas-sustanzi attivi u l-ponderazzjonijiet tal-periklu bl-għan li jiġi kkalkulat l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1**

Ringiela	Gruppi							
	1	2	3	4				
(i)	Is-sustanzi attivi b'riskju baxx li huma approvati jew meqjusa bħala approvati skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u li huma elenkati fil-Parti D tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011	Is-sustanzi attivi approvati jew meqjusa bħala approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u li mhumiex f'kategoriji oħra, u li huma elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011	Is-sustanzi attivi approvati jew meqjusa bħala approvati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u li huma kandidati għas-sostituzzjoni, u li huma elenkati fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011	Is-sustanzi attivi li mhumiex approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għalhekk li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011				
(ii)	Kategoriji							
(iii)	A	B	C	D	E	F	G	
(iv)	Mikroorgan- iżmi	Sustanzi attivi kimiċi	Mikroorgani- żmi	Sustanzi attivi kimiċi	Li ma jkunux ikklassifikati bħala: Karċinoġeni tal-Kategorija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi Tossiċi għar- Riproduzzjoni tal-Kategorija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi li jffixklu s-sistema endokrinali	Li jkunu kklasi- fikati bħala: Karċinoġeni tal- Kategorija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi Tossiċi għar-Riproduzz- joni tal-Katego- rija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi li jffixklu s-sistema endokrinali, fejn l-espożizzjoni tal-bnedmin tkun negliġibbli		
(v)	Ponderazzjonijiet tal-Periklu applikabbli għall-kwantitajiet ta' sustanzi attivi mqiegħda fis-suq fi prodotti awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009							
(vi)	1		8		16		64	

- Il-linja bażi għall-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1 għandha tiġi stabbilita għal 100, u hija ugwali għar-riżultat medju tal-kalkolu ta' hawn fuq għall-perjodu mill-2011 sal-2013.
- Ir-riżultat tal-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1 għandu jkun espress b'referenza għal-linja bażi.
- L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1 b'konformità mal-Artikolu 15(2) u 15(4) tad-Direttiva 2009/128/KE għal kull sena kalendarja u sa mhux aktar tard minn 20 xahar wara tmiem is-sena li għaliha qed jiġi kkalkulat l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 1.

## ▼M2

## TAQSIMA 3

**Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2: L-Indikatur tar-Riskju Armonizzat ibbażat fuq in-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009**

1. Dan l-indikatur għandu jkun ibbażat fuq in-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 kif ikkomunikat lill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 53(1) ta' dak ir-Regolament. Dik id-*data* hija kategorizzata f'erba' Gruppi, li huma maqsuma f'seba' Kategoriji.
2. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu tal-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2:
  - (a) l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2 għandu jkun ibbażat fuq in-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Dan għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-kategorizzazzjoni ta' sustanzi attivi fl-erba' Gruppi u fis-seba' Kategoriji stabbiliti fit-Tabella 2 ta' din it-Taqsima;
  - (b) is-sustanzi attivi fil-Grupp 1 (il-kategoriji A u B) huma elenkati fil-Parti D tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (c) is-sustanzi attivi fil-Grupp 2 (il-kategoriji C u D) huma daww elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (d) is-sustanzi attivi fil-Grupp 3 (il-kategoriji E u F) għandhom ikunu daww elenkati fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (e) is-sustanzi attivi fil-Grupp 4 (il-kategorija G) għandhom ikunu daww li ma jkunux ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għalhekk mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011;
  - (f) Il-ponderazzjonijiet fir-ringiela (vi) fit-Tabella 2 ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw.
3. L-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2 għandu jiġi kkalkulat billi n-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għal kull Grupp fit-Tabella 2 jiġi mmultiplikat bil-ponderazzjoni tal-periklu rilevanti stabbilita fir-Ringiela (vi), segwit bl-aggregazzjoni tar-riżultati ta' dawn il-kalkoli.

Tabella 2

**Il-kategorizzazzjoni tas-sustanzi attivi u l-ponderazzjonijiet tal-periklu bl-għan li jiġi kkalkulat l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2**

Ringiela	Gruppi			
	1	2	3	4
(i)	Is-sustanzi attivi b'riskju baxx li huma approvati jew meqjusa bħala approvati skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u li huma elenkati fil-Parti D tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011	Is-sustanzi attivi approvati jew meqjusa bħala approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u li mhumiex f'kategoriji oħra, u li huma elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011	Is-sustanzi attivi approvati jew meqjusa bħala approvati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u li huma kandidati għas-sostituzzjoni, u li huma elenkati fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011	Is-sustanzi attivi li mhumiex approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għalhekk li mhumiex elenkati fil-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011



▼ **M2**

Ringiela	Gruppi						
	1	2	3	4	5	6	7
(ii)	Kategoriji						
(iii)	A	B	C	D	E	F	G
(iv)	Mikroorgan- izmi	Sustanzi attivi kimiċi	Mikroorgani- zmi	Sustanzi attivi kimiċi	Li ma jkunux ikklassifikati bħala: Karċinoġeni tal-Kategorija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi Tossiċi għar- Riproduzzjoni tal-Kategorija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi li jfixklu s- sistema endokrinali	Li jkunu kklassi- fikati bħala: Karċinoġeni tal- Kategorija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi Tossiċi għar-Riproduzz- joni tal-Katego- rija 1 A jew 1B u/jew Sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali fejn l-espożizzjoni tal-bnedmin tkun neglīgibbli	
(v)	Ponderazzjonijiet tal-Periklu applikabbli għan-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009						
(vi)	1		8		16		64

4. Il-linja bażi għall-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2 għandha tiġi stabbilita għal 100, u hija ugħwali għar-riżultat medju tal-kalkolu ta' hawn fuq għall-perjodu mill-2011 sal-2013.
5. Ir-riżultat tal-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2 għandu jkun espress b'referenza għal-linja bażi.
6. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkalkulaw u jipubblikaw l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2 b'konformità mal-Artikolu 15(2) u 15(4) tad-Direttiva 2009/128/KE għal kull sena kalendarja u sa mhux aktar tard minn 20 xahar wara tmiem is-sena li għaliha qed jiġi kkalkulat l-Indikatur tar-Riskju Armonizzat 2.